MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2101/2003

**Image Systems Ltd (C4052)**
**vs**

**Jagrove Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta Ottubru 2003 fejn gie mitlub sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta sitt mija u tmienja u hamsin lira u tmenin centezmu (Lm658.80) rapprezentanti prezz ta “Xerox supplies” u makkinarju mibjugh u konsenjat lill-istess socjeta konvenuta minnghand il-kumpanija attrici.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 28 ta Mejju 2003 u bl-imghax legali sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta fil-15 ta Gunju tas-sena 2004 fejn ikkontesta it-talba attrici a bazi tal-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu

2148 kapitolu sittax tal-ligijiet ta Malta filwaqt li gew riservati eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi migjuba f'dan il-process fosthom ix-xhieda ta Ian Romano, f'zewg okkazzjonijiet, rapprezentant tas-socjeta attrici u d-dokumenti minnu esebiti partikolarment l-ittra ufficjali mibghuta lis-socjeta konvenuta li rcevietha fid-9 ta Lulju 2003. Gie notat ukoll li s-socjeta konvenuta ma resqet ebda provi ulterjuri in sostenn tal-eccezzjoni sollevata minnha tant illi l-konsulent legali taghha ddikjara fis-seduta tas-17 ta Ottubru 2005 li ma ghandhomx aktar provi u kwindi ghalhekk il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi rizolta biss permezz tax-xhieda ta l-imsemmi Ian Romano u d-dokumenti minnu esebiti.

Ikkunsidra

Illi l-artikolu ta preskrizzjoni kwotat mis-socjeta konvenuta huwa 2148 tal-Kap 16 u cioe tad-dekors ta tmintax il-xahar pero mkien ma gie specifikat ghal liema subartikolu huwa kien qieghed jirreferi ghalkemm x'aktarx li ried jindika dak kontemplat fil-(b) li jitkellem dwar prezz ta merkanzija mibjugh b'retail jew (f) il-kiri ta effetti mobbli u dana halli naraw jekk tali cirkostanzi ndikati fl-imsemmi artikolu 2148 humiex applikabbli ghal kaz odjern.

Mix-xhieda ta Ian Romano jirrizulta illi l-ammont mitlub jikkoncerna kemm il-bejgh u konsenja ta merkanzija u kif ukoll ghal servizz ta manutenzjoni esekwita liema esercizzju ta l-ahhar kien jinsab debitament kopert permezz ta service agreement iffirmat mis-socjeta konvenuta li jinsab esebit u markat Dok IR1. Il-prezz tas-servizzi mitluba ikopru l-perjodu ta bejn is-sena 1999 sas-sena 2004 cioe l-perjodu tal-validita tal-precitat Dok IR 1 ghalkemm l-ahhar servizz kien inghata fi Frar 2002. Minn ezami ta Dok RI 1 jew IR jirrizulta li dan id-dokument kien gie debitament iffirmat minn rapprezentant tas-soceta konvenuta fit-12 ta Ottubru 1998 pero kien ikopri l-perjodu ta tliet snin  cioe minn Ottubru 1998 sa Ottubru 2001.
Gew notati wkoll Dok RI 7 u Dok RI 8 Frar 2002 dwar servizzi rezi liema dokumenti jidhru debitament iffirmati minn rapprezentant tas-socjeta konvenuta. Gie notat wkoll

li Ian Romano kkonferma li l-ahhar pagament maghmul mis-socjeta konvenuta kien dak tal-14 ta Settembru 2001 u dan fil-forma ta tpacija. Gie notat ukoll li s-socjeta konvenuta kienet giet debitament notifikata permezz ta att gudizzjarju fid-9 ta Lulju 2003.

Illi ghalhekk mill-provi hawn prodotti li jidher li ma humiex kontradetti ghandu jirrizulta li l-ammonti mitluba mis-socjeta attrici jikkoncernaw bazikament servizzi minnhom rezi ta manutenzjoni, servicing u bdil ta parts a tenur tas-service agreement iffirmat mill-kontendenti f'Ottubru tas-sena 1998; In vista ta dan ghandu jirrizulta li l-artikolu tal-ligi dwar preskrizzjoni sollevat mis-socjeta konvenuta ma hux applikabbli ghal kaz odjern
U peress illi ma kienu gew imressqa ebda eccezzjonijiet ulterjuri fil-meritu.

It-Tribunal ghalhekk jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespongi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta u kwindi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha is-somma rikjesta ta' sitt mija u tmienja u hamsin lira u tmenin centezmu (Lm658.80) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali u bl-ispejjez kollha ta dina l-istanza inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta Mejju 2003 kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------